# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)**

Imħallef Henri Mizzi

**Rikors Nru. 400/2024/1**

**Efrem Salamon Gize**

**Abdi Sufian Mahmud**

**Kendieneg Mehretie Mersie**

**Yosuf Ahmed Adam**

**Musbah Nasir Aliye**

**v**

**Avukat tal-Istat**

**u**

**Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**

**Digriet dwar it-talba ta' uħud mir-rikorrenti għal miżura *interim***

**Daħla**

1. Għalkemm ir-rikors promotur tressaq mill-ħames individwi msemmija fl-*okkju,* tnejn minnhom – is-sinjuri Efrem Salamon Gize u Musbah Nasir Aliye – talbu li jmorru lura

f'pajjiżhom. Is-sur Aliye irtira t-talba tiegħu filwaqt li, fir-rigward tas-sur Gize, it-talba ġiet miċħuda minħabba fid-dikjarazzjoni li kien għamel.[1]

2. Għalhekk, dan id-digriet jittratta t-tieni talba tas-sinjuri Abdi Sufian Mahmud, Kendieneg Mehretie Mersie u Yosuf Ahmed Adam (ir-"rikorrenti") magħmula permezz tar-rikors tagħhom tat-30 ta' Awwissu 2024. Il-qorti ġa tat deċiżjoni rigward it-talba tar-rikorrenti (kollha) għall-ħelsien proviżorju mid-detenzjoni fl-4 ta' Ottubru 2024.[2]

**Talba għall-miżura *ad interim***

3. Ir-rikorrenti ressqu kawża quddiem din il-qorti (Rikors 400/2024) li fiha qiegħdin jallegaw (*inter alia*) li d-deċiżjonijiet ta' ritorn, ta' tneħħija u projbizzjoni ta' dħul maħruġa mill-Uffiċjali Prinċipali tal-Immigrazzjoni li nħarġu f'Awwissu ta' din is-sena, jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif imfissra fl-artikoli 3, 5 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 32(ċ), 34 u 36 tal-Kostituzzjoni.

4. Bir-rikors li qed jitqies hawn, ir-rikorrenti qed jitolbu li sakemm tinqata' l-imsemmija kawża tiġi sospiża d-deportazzjoni tagħhom għall-Etjopja.

**Ir-risposta**

5. L-Avukat tal-Istat u l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni wieġbu li r-rekwiżiti sabiex tingħata miżura *ad interim* ma ġewx sodisfatti, u dana (fost raġunijiet oħra) għaliex ir-rikorrenti m'eżawrewx il-rimedji ordinarji a dispożizzjoni tagħhom; għaliex ir-rikorrenti m'għandhomx dritt li jirriżulta fuq bażi *prima facie*; u għaliex ir-rikorrenti ma wrewx li, fin-nuqqas' ta' rimedju *ad interim,* huma ser isofru preġudizzju irrimedjabbli. Għalhekk huma jsostnu li t-talba għandha tiġi miċħuda.

[1] Ara verbal tas-smigħ tas-6 ta' Diċembru 2024. Il-qorti ħadet id-deċiżjoni fir-rigward tas-sur Gize wara li hu nstema' minnha f'dak is-smigħ, u dan fid-dawl ta' nota li kienet tressqet fil-25 ta' Novembru 2024.
[2] Paġni 626-630.

**Il-fatti**

*Is-sur Abdi Sufian Mahmoud*

6. Fl-20 ta' Lulju 2014, inħarġet ordni ta' tneħħija fil-konfront tas-sur Abdi Sufian Mahmoud, li kien wasal Malta ftit qabel bid-dgħajsa mil-Libja. Huwa applika għall-protezzjoni internazzjonali (ażil) fit-3 ta' Settembru 2014. Huwa beża' li f'każ li jiġi rritornat l-Etjopja, huwa kien ser jiġi arrestat mill-Gvern Etjopjan minħabba l-involviment tiegħu mal-partit Oromo Liberation Front (OLF).

7. Fid-deċiżjoni tas-6 ta' Settembru 2014, il-Kummissarju tar-Refuġjati (illum l-*International Protection Agency*) sab li s-sur Mahmoud kien naqas milli jipprova dak li kien qal u li kien hemm numru ta' diskrepanzi fix-xhieda tiegħu. Minħabba f'hekk il-Kummissarju kkonkluda li t-talba tas-sur Mahmoud ma tissodisfax il-kriterji neċessarji sabiex jingħata l-protezzjoni ta' refuġjat jew jingħata protezzjoni sussidjarja.[3]

8. Huwa appella minn din id-deċiżjoni; però l-appell tiegħu ġie miċħud fl-20 ta' Novembru 2014.

9. Fid-9 ta' Awwissu 2024, inħarġet ordni ta' detenzjoni fil-konfront tiegħu,[4] fejn ġie informat li huwa kieen ser jinżamm taħt detenzjoni peress li huwa kien għadu soġġett għall-ordni ta' tneħħija tal-20 ta' Lulju 2014, u peress li kien hemm prospett raġonevoli li t-tali ordni tiġi infurzata u esegwita.

*Is-sur Yosuf Ahmed Adam*

10. Is-sur Yosuf Ahmed Adam wasal Malta f'2011 bid-dgħajsa mil-Libja. Fil-15 ta' Novembru 2011, huwa applika għall-protezzjoni internazzjonali (ażil), f'liem applikazzjoni huwa kien stqar li jifforma parti minn moviment mhux uffiċjali li kienu qiegħdin jitolbu lill-awtoritajiet

[3] Pg 319-334.
[4] Pg 25.

Etjopjani għall-aċċess ta' ħtiġijiet bażiċi għar-residenti lokali u li f'Ottubru 1997, huwa kien ġie arrestat mill-Pulizija Etjopjana taħt akkuża li huwa kien vagabond perikoluż. Huwa sussegwentement sar jaf li l-awtoritajiet kienu qed jarrestaw żgħażagħ fl-oppożizzjoni bħalu. Huwa jgħid ukoll li meta kien qiegħed jaqsam il-fruntiera bejn l-Etjopja u s-Sudan, sparaw fuqu xi uffiċjali.

11. Fid-deċiżjoni tas-17 ta' Novembru 2011, il-Kummissarju tar-Refuġjati sab li ma kinitx saret prova suffiċjenti tal-allegazzjonijiet tas-sur Adam, u li uħud mir-raġunijiet għat-talba tiegħu ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' 'persekuzzjoni' jew 'ħsara serja' taħt il-Konvenzjoni ta' Ġinevra.[5]

12. Huwa appella minn din id-deċiżjoni fit-13 ta' Jannar 2012,[6] liem appell ġie miċħud fis-17 ta' Settembru 2012 mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati, li spjega d-deċiżjoni tiegħu hekk:-[7]

> "The Board notes that you failed to prove a well-founded fear of persecution in terms of the 1951 Geneva Convention. It results from your own application that you do not have an official membership in Kinijit. You left Ethiopia in 1997, but it results from the UK Operational Guidance Notes 2009, that the government released hundreds of anti-government activists and leaders of opposition parties and groups. Furthermore, you failed to prove that you were a prominent anti-government activist. Referring to your single incident of arrest, the Board notes that you yourself stated that you were perceived as a dangerous vagabond but released two days later on lack of evidence. The incident certainly cannot be tantamount to a ground for refugee protection in terms of the 1951 Convention.
>
> Neither can the incident dating to the shooting by patrol officers when you were crossing the border illegally constitute a ground in terms of the 1951 Convention."

13. Però kien biss fil-15 ta' Awwissu 2024, li nħarġet deċiżjoni ta' ritorn u ordni ta' tneħħija fil-konfront tiegħu, fejn ġie informat li huwa jikkostitwixxi 'immigrant projbit' peress li kiser il-provvedimenti tal-Kap. 217 u/jew ir-regolamenti maħruġa taħtu, meta daħal Malta mingħajr il-permess tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. Huwa m'appellax minn din id-deċiżjoni skont l-artikolu 25A(6) et seq tal-Kap. 217.

[5] Pg 383-386.
[6] Pg 372.
[7] Pg 371.

14. Inħarġet ukoll ordni ta' detenzjoni fil-konfront tiegħu, fejn intqal li d-detenzjoni tas-sur Adam kienet neċessarja għaliex ma setgħux jiġu applikati miżuri ta' inqas impożizzjoni, għaliex is-sur Adam ma kellux mezzi biex imantni lilu nnifsu u ma kellux indirizz permanenti u għaliex kiser il-provvedimenti tal-Kap. 217 u r-regolamenti maħruġa taħtu.

*Is-sur Kendieneh Mhretie Mersie*

15. Wara li wasal f'Malta bid-dgħajsa mil-Libja f'Awwissu 2007, inħarġet ordni ta' tneħħija fil-konfront tas-sur Kendieneh Mhretie Mersie.[8] F'din l-ordni, datata l-5 ta' Awwissu 2007, intqal li s-sur Mersie jikkostitwixxi 'immigrant projbit' ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap. 217. Huwa m'appellax minn din l-ordni, iżda applika għall-protezzjoni internazzjonali (ażil) fis-16 ta' Ġunju 2008. F'din l-applikazzjoni, huwa spjega li f'Ottubru 2005, huwa kien ġie arrestat minn suldati Etjopjani minħabba suspett li huwa kien involut mal-partit Kinijit; però huwa kien irnexxielu jaħrab.

16. Fid-deċiżjoni tal-Kummissarju tar-Refuġjati, dan sab li s-sur Mersie kien naqas milli jissostanzja t-talba tiegħu bi provi konvinċenti. Il-Kummissarju kien ukoll tal-fehma li s-sur Mersie ma rnexxielux sodisfaċament jipprova li huwa ġie arrestat minħabba l-involviment tiegħu fil-partit Kinijit għaliex ma kellu l-ebda għarfien tal-partit Kinijit u għaliex kien għamel dikjarazzjonijiet konfliġġenti peress li kien ukoll inizjalment iddikjara li ma kienx jaf ir-raġuni għalfejn kien ġie arrestat. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissarju tar-Refuġjati sab li dak li kien stqarr is-sur Mersie ma kienx jammonta għal 'persekuzzjoni' skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951.

17. B'hekk fid-deċiżjoni tal-Kumissarju tar-Refuġjati tas-17 ta' Lulju 2008, ġie konkluż li t-talba tas-sur Mersie ma tissodisfax il-kriterji sabiex dan jiġi rikonoxxut bħala refuġjat, jew biex alternattivament jingħata protezzjoni sussidjarja taħt il-Kap. 420.

18. Is-sur Mersie m'appellax mir-rifjut tat-talba tiegħu. Però fit-13 ta' Novembru 2023, huwa ppreżenta applikazzjoni sussegwenti għall-finijiet tal-Kap. 420. Fit-12 ta' Jannar 2024, l-

---

[8] Pg 34.

applikazzjoni tiegħu ġiet iddikjarata inamissibbli mill-*International Protection Agency* (IPA) skont l-artikoli 7A(6) u 24(1)(d) tal-Kap. 420, u dana peress li ma ħarġu l-ebda elementi ġodda mill-applikazzjoni tiegħu. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mit-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali fid-19 ta' Jannar 2024.

19. Fl-14 ta' Awwissu 2024 inħarġet ordni ta' detenzjoni fil-konfront tas-sur Mersie, u dana abbażi tal-prospett raġonevoli li tiġi esegwita u infurzata l-ordni tat-tneħħija btal-5 ta' Awwissu 2007, li jrendi d-detenzjoni tiegħu leġittima skont ir-regolament 11 tal-L.S. 217.12.

**Dwar jekk ir-rikorrenti għandhomx dritt *prima facie***

20. Ir-rikorrenti m'għandhomx dritt li jibqgħu Malta skont il-liġi ordinarja. Pjuttost il-kuntarju: huma jikkostitwixxu immigranti projbiti skont il-Kap. 217, peress li daħlu Malta illegalment, bi ksur tal-provvedimenti tal-istess Kapitolu u tar-regolamenti maħruġa taħtu. Peress li t-talbiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali (ażil) ġew irrifjutati u lanqas ma ngħataw protezzjoni sussidjarja, huma m'għandhom l-ebda jedd li jgħixu Malta.

21. Minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Gvern Etjopjan biex jitwettqu r-ripatrijazzjonijiet meħtieġa, inħareġ '*yellow book*' għas-sur Mahmoud, għas-sur Adam u għas-sur Mersie, li kien jintitolahom jirrisjedu temporanjament f'Malta sakemm ikun jista' jitwettaq ir-ritorn tagħhom. Però ma jistax jingħad li dan id-dokument tahom xi dritt li jgħixu Malta fil-preżent, peress li dan id-dokument, irtirat mill-Gvern Malti xi snin ilu, u kien speċifikament jgħid:-

> "Id-detentur ta' dan id-dokument huwa awtorizzat joqgħod Malta sakemm qed jistenna r-ritorn tiegħu lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu. Ġaladarba l-proċeduri ta' ritorn tiegħu jistgħu jinbdew minn ħin għall-ieħor, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jista' jikkanċella l-validità ta' dan id-dokument fi kwalunkwe żmien mingħajr preavviż, u immedjatament hekk kif ikun hemm prospett raġonevoli ta' ritorn tad-detentur lejn il-pajjiż ta' oriġinu tiegħu jew lejn xi stat ieħor li fih ikun jista' jidħol.
>
> Dan id-dokument ma jagħti l-ebda dritt lid-detentur, jew jgħodd sabiex jingħata residenza fit-tul, jew xi skema ta' residenza li tista' tkun fis-seħħ fi kwalunkwe żmien. Lanqas ma jagħti xi titlu ieħor maħsub fil-leġislazzjoni Maltija."[9]

[9] Pg 37-38.

22. Iżda d-dritt li huma qed jippretendu ma joħroġx mill-liġi ordinarja, iżda mill-Konvenzjoni u mill-Kostituzzjoni. Jgħidu li għalkemm il-liġi – dik ordinarja – ma tagħtihomx id-dritt li jkomplu jgħixu Malta, il-liġi bażika tgħid li, fiċ-ċirkostanzi tagħhom, il-liġi trid tagħtihom dak id-dritt.

23. Jibnu l-argument fuq is-segwenti:

a. Ilhom jgħixu Malta u integraw fis-soċjetà Maltija;
b. Kemm ilhom hawn, kellhom xogħol, għamlu ħbiebu u ġabu ruħhom sew;
c. Għandhom rabta mal-pajjiż; u
d. Hemm riskju jekk jirritornaw fl-Etjopja minħabba s-sitwazzjoni perikoluża, ġlied u konflitti interni kif ukoll minħabba r-raġunijiet li esprimew fit-talbiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali;

24. Jgħidu li

> " ...ai fini ta sejbien prima facie ta' possibilment ksur ta' jeddijiet fondamentali, r-rikorrenti jsostni illi hemm ġurisprudenza estiża mill-QEDB fejn ġie meqjus illi immigranti li jitħallew jinegraw fis-soċjetà u fl-ekonomija tal-pajjiż jgawdin mill-protezzjoni tal-artikolu 8 ..."[10]

**Il-każ ta' Maslov**

25. Biex isostnu dan l-argument, jiċċitaw il-każ *Maslov and others v Austria*.[11] Ir-rikorrent f'dik il-kawża, Maslov, kien emigra l-Awstrija mill-Bulgarija meta kellu sitt snin. Il-ġenituri tiegħu ngħataw iċ-ċittadinanza Awstrijaka filwaqt li huwa kien ingħata permess ta' residenza mhux limitata. Minħabba li kien instab ħati ta' numru ta' reati meta kien għadu minorenni, l-Istat Awstrijakk ħareġ ordni ta' deportazzjoni b'validità ta' għaxar snin fil-konfront tiegħu, skont liem ordni huwa kellu jiġi rritornat il-Bulgarija, fejn ma kellu l-ebda membri familjari u lanqas ma kien jaf il-lingwa. Minkejja li Maslov kien ikkontesta l-ordni quddiem diversi organi ġudizzjarji, huwa ġie ddeportat lura l-Bulgarija.

[10] Nota tar-rikorrenti, para. 23, paġna 213 - 214
[11] 1638/03, deċ. 23 ta' Ġunju 2008.

26. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li b'riżultat ta' dan, kienet seħħet vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-konfront ta' Maslov. Il-Qorti Ewropea sabet li d-deportazzjoni ta' *settled migrant*[12] li jkun legalment qatta' ħajtu kollha jew il-maġġor parti ta' ħajtu fil-pajjiż, tista' ssir biss f'każ ta' raġunijiet serji ħafna, speċjalment jekk id-deportazzjoni tkun ser issir minħabba r-reati li l-individwu jkun wettaq waqt li jkun għadu minorreni. Sabiex l-Istat ikun jista' jiġġustifika d-deportazzjoni ta' żgħażagħ li nstabu ħatja ta' xi reat u li ma jkunux għadhom stabbilew familja, għandhom jiġu kkonsidrati s-segwenti fatturi:-

(a) in-natura u l-gravità tar-reat li ġie mwettaq;
(b) l-ammont ta' żmien li l-applikant ikun qatta' fil-pajjiż in kwistjoni;
(c) l-ammont ta' żmien li jkun għadda minn mindu twettaq ir-reat u l-kondotta tal-applikant matul dak il-perjodu; u
(d) ir-rabtiet soċjali, kulturali u familjari li l-applikant għandu mal-pajjiż.

27. Peress li r-reati li kien wettaq ir-rikorrent ġeneralment ma kienux vjolenti u twettqu meta r-rikorrent kien għadu minorenni, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni "l-aħjar interessi tat-tifel". Hija kkunsidrat ukoll il-fatt li r-rikorrent kien ilu jgħix l-Awstrija minn meta kellu sitt snin, li ma kien wettaq l-ebda reati oħra, kif ukoll ir-rabtiet soċjali, kulturali, familjari u u lingwistiċi r-rikorrenti kellu mal-pajjiż. Minħabba f'hekk, il-Qorti kkonkludiet li l-ordni ta' deportazzjoni kienet interferenza sproporzjonata għall-finijiet tat-tmien artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea.

28. Il-konklużjonijiet tas-sentenza ta' *Maslov* ma jistgħux jitqiesu rilevanti għall-każ tal-lum. L-ewwel nett, is-sur Mahmoud, is-sur Adam u s-sur Mersie ma ġewx Malta ta' tfal u lanqas ma qattgħu t-tfulija tagħhom fil-pajjiż. B'hekk kwalsiasi konsiderazzjoni li għamlet il-Qorti għall-"aħjar interessi tat-tfal" m'humiex applikabbli għalihom.

29. It-tieni nett, ma jistax jingħad li r-rabtiet soċjali, kulturali, lingwistiċi u familjari tagħhom f'Malta huma daqstant konsiderevoli daqs ta' *Maslov*, li kellu familja fl-Awstrija u ebda familja fil-Bulgarija. Lanqas ma kien jaf il-lingwa. In effett, dak li ntwera dwarhom hu li ilhom

[12] 'Settled migrant' tirreferi għal immigrant li jkun ġie formalment mogħti l-jedd li jirrisjedi fil-pajjiż in kwistjoni.

jgħixu Malta għal numru ta' snin; li għamlu sforzi biex jitgħallmu l-Malti jew l-Ingliż, jew it-tnejn; li tgħallmu ħiliet ġodda u żammew xogħol stabbli; li għamlu ħbiberiji; li almenu tnejn minnhom imantu lill-familjari tagħhom barra minn Malta;[13] u li ma kellhom l-ebda problemi mal-awtoritajiet lokali. Dawn huma kollha fatturi ammirevoli, imma mhumiex biżżejjed biex jingħad li għandhom rabta aktar b'saħħitha mal-pajjiż Malti milli mal-Etjopja. Jekk xejn, il-fatt li l-familjari tagħhom baqgħu fl-Etjopja, jew x'imkien ieħor, ifisser li m'ankrawx ruħhom f'Malta.

30. It-tielet nett, is-sur Mahmoud, is-sur Adam u s-sur Mersie ma kienux f'Malta legalment meta nħarġet l-ordni ta' tneħħija, u għalhekk il-każistika tal-Qorti Ewropea fir-rigward tas-'*settled migrants*' m'hijiex applikabbli fil-każ preżenti.

***Settled migrants* u immigranti oħrajn**

31. Infatti l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħmel distinzjoni bejn dawk l-immigranti li ngħataw id-dritt formali biex jirrisjedu fil-pajjiż in kwistjoni ('*settled migrants*') u dawk l-immigranti li ngħataw biss awtorizzazzjoni temporanja biex jibqgħu fil-pajjiż sakemm jistennew l-eżitu ta' xi deċiżjoni partikolari (pereżempju, deċiżjoni fuq permess ta' residenza). Fit-tieni każ, l-Istat m'huwiex awtomatikament obbligat li jippermetti lill-immigrant biex jistabbilixxi ruħu fil-pajjiż, u l-immigrant m'huwiex intitolat li jkompli jgħix hemm.[14]

32. F'każ li r-rikorrent ikun *'settled migrant'*, il-Qorti teżamina jekk il-fatt li l-Istat ikun irrevoka d-dritt tiegħu li jirrisjedi fil-pajjiż in kwistjoni (per eżempju, minħabba l-fatt li dan ikun instab ħati ta' xi reat kriminali), jammontax għall-interferenza sproporzjonata għall-finijiet tat-tmien artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea.

33. Fin-nuqqas, il-Qorti minflok teżamina jekk l-obbligi pożittivi tal-Istat taħt it-tmien artikolu jirrikjeduhx li jipprovdi lill-immigrant in kwistjoni d-dritt li jirrisjedi fil-pajjiż. F'dan il-każ l-

[13] Ara Kendieneh Mhretie Mersie, paġna 53 (mhux ċar fejn qiegħdin il-familjari tiegħu); u affidavit ta' Abdi Sofien, paġna 76

[14] *Chandra and Others v the Netherlands* (dec.) no 53102/99, 13 ta' Mejju 2008; *Benamar v the Netherlands* (dec.), no. 43786/04, 5 ta' April 2005; *Priya v Denmark* (dec.), no. 13594/03, 6 ta' Lulju 2006; *Rodrigues da Silva and Hoogkamer v the Netherlands*, no. 50435/99 § 43, ECHR 2006-I; *Darren Omoregie and Others v. Norway*, no 265/07, § 64, 31 ta' Lulju 2008; *B.V. v Sweden* (dec.), no 57442/11, 13 ta' Novembru 2012.

obbligi tal-Istat jiddependu fuq iċ-ċirkostanzi tal-każ u tal-individwi involuti kif ukoll fuq l-interess ġenerali. Jiġu meqjusa t-tali fatturi; il-preżenza tal-membri familjari tal-immigrant fil-pajjiż; ir-rabtiet tiegħu mal-pajjiż; jekk hemmx xi ostakli li jagħmluha impossibbli għall-immigrant biex jistabbilixxi ħajja mal-membri familjari tiegħu fil-pajjiż ta' oriġinu tiegħu; jekk l-immigrant kisirx il-liġi ta' immigrazzjoni; jekk hemmx xi konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku li jeħtieġu li l-immigrant jiġi ddeportat u jekk il-ħajja familjari tal-immigrant ġietx stabbilita meta l-persuni involuti kienu jafu bil-fatt li l-preżenza tagħhom fil-pajjiż hija prekarja.[15]

34. F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma jidhirx li għandhom membri familjari f'Malta, jiġifieri ma jistax jingħad li l-Gvern Malti ser ikun qed jonqos milli jirrispetta l-ħajja tal-familja tagħhom hekk kif inhu obbligat jagħmel skont it-tmien artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea. M'hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi ostakoli li jagħmluha impossibbli (jew imqar diffiċli) għar-rikorrenti biex jergħu jistabbilixxu ħajja mal-membri familjari tagħhom fl-Etjopja.

35. Finalment, f'dan il-każ ir-rikorrenti kollha kisru l-provvedimenti tal-Kap. 217 u tar-regolamenti maħruġa taħtu, u li huma kienu dejjem jafu li l-preżenza tagħhom fil-pajjiż ma kinitx waħda stabbilita formalment iżda kienet sempliċiment imsejsa fuq awtorizzazzjoni temporanja sakemm ikun jista' jitwettaq ir-ritorn tagħhom.

36. Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti wrew, *prima facie,* li d-deportazzjoni tagħhom ser tkun qiegħda tikkawża interferenza sproporzjonata fid-dritt tar-rispett tal-ħajja privata u tal-ħajja tal-familja tagħhom, bi ksur tat-tmien artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea.

[15] *Rodrigues da Silva and Hoogkamer,* ibid; *Ajayi and Others v. the United Kingdom* (dec.), no. 27663/95, 22 ta' Ġunju 1999; *Solomon v. the Netherlands* (dec.), no. 44328/98, 5 ta' Settembru 2000); *Jerry Olajide Sarumi v. the United Kingdom* (dec.), no. 43279/98, 26 ta' Jannar 1999; *Andrey Sheabashov c. la Lettonie* (dec.), no. 50065/99, 22 ta' Mejju 1999; *Abdulaziz, Cabales and Balkandali,* cited above, § 68; *Mitchell v. the United Kingdom* (dec.), no. 40447/98, 24 ta' Novembru 1998.

**Konsiderazzjonijiet oħra**

37. L-uniku fattur li, potenzjalment, seta' jitqies bħala eċċezzjonali hu dak dwar x'jista' jiġri lir-rikorrenti jekk jintbagħtu lura fl-Etjopja. Huma jgħidu li hemm riskju li jiġu mġiegħla jidħlu fl-armata u li jkunu mira ta' ribelli minħabba fl-etniċità tagħhom.[16] Imma dawn il-konsiderazzjonijiet ġa tqiesu b'mod dettaljat meta r-rikorrenti talbu li jingħataw ażil; talbiet li ġew miċħuda. Ukoll, kien intqal lill-qorti, waqt is-smigħ tal-11 ta' Diċembru 2024, li r-rikorrenti setgħu jerġgħu japplikaw għal xi forma ta' protezzjoni ta' ażil, u li tali applikazzjoni kienet tissospendi r-ripatrijazzjoni tagħhom, iżda almenu sal-aħħar smigħ ma jidhirx li tali applikazzjoni kienet saret.

***Decide***

Għalhekk ma ssibx li r-rikorrenti stabbilew każ ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom fuq bażi *prima facie*. Billi jonqos element biex il-qorti tagħti rimedju *ad interim*, tiċħad it-tieni talba tar-rikorrenti mressqa fir-rikors tagħhom tat-30 ta' Awwissu 2024.

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għal ġudizzju finali.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

Illum, 27 ta' Dicembru 2024

[16] Ara affidavit ta' Yosuf Ahmed Adam, paġna 43; affidavit ta' Kendieneh Mhretie Mersie, paġna 53; u affidavit ta' Abdi Sofien, paġna 76.